SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

16 ta' Ottubru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2003/96/KE – Tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u fuq l-elettriku – It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) – Eżenzjoni favur produtturi żgħar tal-elettriku, bil-kundizzjoni li jiġi ntaxxat l-elettriku prodott – Assenza, matul perijodu tranżitorju awtorizzat, ta' taxxa interna fuq il-konsum finali ta' elettriku – Artikolu 14(1)(a) – Obbligu ta' eżenzjoni tal-prodotti ta' enerġija u tal-elettriku użati għall-produzzjoni tal-elettriku"

Fil-Kawża C-270/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' April 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' April 2018, fil-proċedura

UPM France SAS

vs

Premier ministre,

Ministre de l'Action et des Comptes publics,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan (Relatur), President tal-Awla, I. Jarukaitis, E. Juhász, M. Ilešič u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Marzu 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal UPM France SAS, minn G. de Cordes, avocat,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas kif ukoll minn E. de Moustier u A. Alidière, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn A. Rubio González u V. Ester Casas, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Armenia u C. Perrin, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2019,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(1)(a) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405)

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, UPM France SAS (iktar 'il quddiem "UPM") u, min-naħa l-oħra, il-Premier ministre (il-Prim Ministru) u l-ministre de l'Action et des Comptes publics (il-Ministru għall-Azzjoni u l-Kontijiet Pubbliċi) rigward it-tassazzjoni ta' kunsinni ta' gass naturali intiż għall-produzzjoni konġunta ta' sħana u ta' elettriku.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 2 sa 5, 24 u 25 tad-Direttiva 2003/96 jgħidu:

"(2) L-assenza ta' proviżżjonijiet tal-Komunità li timponi rata minima ta' tassazzjoni fuq l-elettriku u prodotti ta' enerġija minbarra żjut minerali tista' taffetwa ħażin il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern.

(3) Il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern u s-seħħ ta' għanijiet ta' politiki oħra tal-Kommunità jinħtieġu livelli minimi ta' tassazzjoni li jkunu stabbiliti fuq livell Kommunitarju għall-bosta mill-prodotti tal-enerġija, u jinkludu l-elettriku, gass naturali u faħam.

(4) Differenzi sostanzjali dwar livelli nazzjonali ta' tassazzjoni fuq l-enerġija minn Stati Membri tista' tkun ta' detriment għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern.

(5) L-istabbilament ta' livelli minimi u approprijati ta' tassazzjoni mill-Kommunità tista' tnaqqas differenzi eżistenti ta' tassazzjoni fil-livell nazzjonali.

[…]

(24) Stati Membri għandhom jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni, sakemm dan ma jkunx ta' detriment għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni.

(25) B'mod partikolari, il-ġenerazzjoni ta' sħana u kapaċità kkombinati u, li jippromwovu l-użu alternattiv ta' sorsi ta' enerġija, forom renovabbli ta' enerġija jistgħu jikkwalifikaw għall-trattament preferenzali."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jintaxxaw il-prodotti ta' enerġija u l-elettriku b'mod konformi mal-imsemmija direttiva.

5 Skont l-Artikolu 14(1)(a) tal-imsemmija direttiva:

"Barra d-disposizzjonijiet ġenerali kif imniżżla f'Direttiva [tal-Kunsill] 92/12/KEE [tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179),] fuq użijiet eżenti ta' prodotti taxxabli, u mingħajr preġudizzju għall-disposizzjonijiet oħra tal-Komunità, Stati Membri għandhom jeżentaw dan li ġej mit-tassazzjoni b'kondizzjonijiet li huma għandhom jagħmlu biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta u sempliċi ta' dawn l-eżenzjonijiet u biex jimpedixxu l-evażjoni, ħrib mit-taxxa jew abbuż:

a) prodotti ta' enerġija u elettriku użati biex jipproduċu elettriku u elettriku użat biex iżomm il-produzzjoni ta' l-elettriku. Madankollu, Stati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika dwar l-ambjent, jissotomettu dawn il-prodotti għall-tassazzjoni mingħajr ma joqgħodu jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imniżżla f'din id-Direttiva. F'każ bħal dan, it-tassazzjoni ta' dawn il-prodotti ma għandhiex tiġi ikkonsidrata sabiex tissodisfa il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku kif imniżżel fl-Artikolu 10".

6 L-Artikolu 15(1)(ċ) tal-istess direttiva jipprevedi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-provissjonijiet oħra tal-Komunità, Stati Membri jistgħu japlikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew tnaqqis kollu jew parti minnu fil-livell ta' tassazzjoni għal:

[…]

ċ) prodotti ta' enerġija u elettriku użati għall-ġenerazzjoni ta' sħana u kapaċità kkombinati".

7 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/96 jistabbilixxi sistemi għal tranżizzjoni speċifiċi għal ċerti Stati Membri. F'dak li jirrigwarda r-Repubblika Franċiża, l-Artikolu 18(10) ta' din id-dispożizzjoni jipprevedi:

"Ir-Repubblika Franċiża tista' tapplika eżenzjonijiet u tnaqqis totali jew parzjali għall-prodotti ta' enerġija u elettriku użati mill-Istat, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali jew istituzzjonijiet oħra immexxija mill-liġi pubblika, dwar l-attivitajiet jew operazzjonijiet fejn huma jiġu mqabbda bħala awtoritajiet pubbliċi sa l-1 ta' Jannar 2009.

Ir-Repubblika Franċiża tista' tapplika għall-perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2009 biex tadatta is-sistema preżenti tagħha fuq l-elettriku għad-disposizzjonijiet mniżżla f'din id-Direttiva. Waqt dan il-perjodu, il-livell ta' medja globali tat-tassazzjoni lokali u preżenti fuq l-elettriku għandha tiġi kkonsidrata biex tara jekk ir-rati minimi mniżżla f'din id-Direttiva humiex rispettati."

8 Skont l-Artikolu 21 tal-imsemmija direttiva:

"1. Flimkien mad-disposizzjonijiet ġenerali li jiddefinixxu l-att li jwassal għal ħlas u d-disposizzjonijiet imniżżla f'[Direttiva 92/12], l-ammont ta' tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija għandha tiġi dovuta fl-okkorrenza ta' wieħed mill-atti li jwassal għal ħlas msemmija fl-Artikolu 2(3).

[…]

5. […]

Entità li tipproduċi l-elettriku għall-użu tagħha stess għandha tiġi kkonsidrata bħala distributur. Minkejja l-Artikolu 14(1)(a), Stati Membri jistgħu jeżentaw produtturi żgħar ta' l-elettriku jekk kemm-il darba huma jintaxxaw il-prodotti ta' enerġija użati għall-produzzjoni ta' dik l-elettriku.

[…]”

9 L-Artikolu 28 tad-Direttiva 2003/96 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta’ din mill-1 ta’ Jannar 2004, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 u tal-Artikolu 18(1) ta’ din id-direttiva, li l-Istati Membri jistgħu japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2003.

Id-dritt Franċiż

10 L-Artikolu 266 *quinquies* tal-Code des douanes (il-Kodiċi Doganali), fil-verżjoni tiegħu applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2004 sal-31 ta’ Diċembru 2006, kien jipprevedi:

“Il-gass naturali […] huwa suġġett għal taxxa interna fuq il-konsum fil-mument tal-kunsinna tiegħu lill-utent finali.”

11 L-Artikolu 266 *quinquies*(3) tal-Kodiċi Doganali, fil-verżjoni tiegħu applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2006 sal-31 ta’ Diċembru 2006, kien jipprevedi:

“[…]

Huma wkoll eżentati dawk il-kunsinni ta’ gass intiż sabiex jintuża:

[…]

c) bħala kombustibbli għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, mill-1 ta’ Jannar 2006, għajr jekk dawn il-provvisti jkunu intiżi għall-użu fl-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 266 *quinquies* A.”

12 L-Artikolu 266 *quinquies* A tal-Kodiċi Doganali, fil-verżjoni tiegħu applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2006, kien ifformulat kif ġej:

“Il-kunsinni ta’ gass naturali u ta’ żjut minerali maħsuba sabiex jintużaw f’installazzjonijiet ta’ koġenerazzjoni, għall-produzzjoni konġunta ta’ sħana u ta’ elettriku jew ta’ sħana u ta’ enerġija mekkanika, huma eżentati mit-taxxi interni tal-konsum previsti fl-Artikoli 265 u 266 *quinquies* matul il-perijodu ta’ ħames snin dekorribbli mid-dħul fis-servizz tal-installazzjonijiet. […]

Din l-eżenzjoni tapplika għall-installazzjonijiet li jidħlu fis-servizz, sa mhux iktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2007. […]

[…]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 UPM topera, għall-finijiet tal-attività tagħha ta’ produzzjoni tal-karti, installazzjoni għall-produzzjoni konġunta ta’ sħana u ta’ elettriku, li għaliha hija tuża gass naturali bħala kombustibbli.

14 Il-gass naturali kkunsinnat lil UPM bejn l-1 ta’ Jannar 2004 u l-1 ta’ April 2008 ġie suġġett, mill-fornitur tiegħu li ħallas l-ammont dovut, għat-taxxa interna fuq il-konsum ta’ gass naturali (iktar ’il quddiem it-“TICGN”), prevista fl-Artikolu 266 *quinquies* tal-Kodiċi Doganali.

15 Peress li qieset li l-parti ta' dawn il-kunsinni kkonsmata sabiex jiġi prodott elettriku kellha tiġi eżentata minn din it-taxxa skont l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96, UPM ressqet quddiem it-tribunal administratif de Cergy-Pontoise (il-Qorti Amministrattiva ta' Cergy-Pontoise, Franza) rikors intiż għall-ħlas lura tat-taxxa sostnuta b'dan il-mod kif ukoll għall-kumpens tad-dannu li hija tqis li sofriet minħabba d-dewmien tar-Repubblika Franċiża sabiex tittrasponi din id-direttiva.

16 Permezz ta' sentenza tas-17 ta' Lulju 2013, le tribunal administratif de Cergy-Pontoise (il-Qorti Amministrattiva ta' Cergy-Pontoise), wara li kkonstatat li, parzjalment, ma kienx hemm lok li tittieħed deċiżjoni dwar is-somom li għandhom jitħallsu lura fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Marzu 2008, ċaħdet il-kumplament tat-talbiet ta' UPM. Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Marzu 2016, il-cour administrative d'appel de Versailles (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Versailles, Franza) ċaħdet l-appell ippreżentat minn UPM France, għar-raġuni li l-gass naturali użat minn din il-kumpannija kien jaqa' esklużivament taħt l-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva, u mhux taħt l-Artikolu 14 tal-istess direttiva, u li r-regoli ta' tassazzjoni ta' dan il-gass naturali ma setgħux jiġu sseparati skont jekk huwa kienx intiż għall-produzzjoni ta' sħana jew għall-produzzjoni tal-elettriku.

17 Fis-17 ta' Mejju 2016, UPM appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza).

18 Din il-qorti tosserva li l-aggravju mqajjem minn UPM huwa bbażat fuq is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, Cristal Union (C-31/17, EU:C:2018:168), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni obbligatorja prevista f'din id-dispożizzjoni tapplika għall-prodotti ta' enerġija użati għall-produzzjoni tal-elettriku meta dawn il-prodotti jintużaw għall-produzzjoni konġunta ta' dan tal-aħħar u ta' sħana, fis-sens tal-Artikolu 15(1)(ċ) ta' din id-direttiva.

19 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tindika li l-ministre de l'Action et des Comptes publics (il-Ministru għall-Azzjoni u l-Kontijiet Pubbliċi), konvenut fil-kawża prinċipali, isostni li anki jekk jingħad li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/96 ma huwiex l-unika dispożizzjoni applikabbli għas-sitwazzjoni ta' UPM, it-tassazzjoni li ġiet imposta fuq din hija konformi mal-għanijiet ta' din id-direttiva, peress li l-Artikolu 14(1)(a) tal-imsemmija direttiva għandu jinqara fid-dawl tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) ta' din, li minnu jirriżulta li l-eżenzjoni fir-rigward tal-gass naturali użat għall-produzzjoni tal-elettriku hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-elettriku prodott jiġi ntaxxat, li ma huwiex il-każ hawnhekk.

20 Il-qorti tar-rinviju tindika li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tad-Direttiva 2003/96, ir-Repubblika Franċiża kienet tibbenefika, sal-1 ta' Jannar 2009, minn perijodu tranżitorju sabiex tadatta s-sistema tagħha ta' tassazzjoni tal-elettriku qabel ma tintroduċi d-dazju tas-sisa armonizzat. Madankollu, kien biss mid-dħul fis-seħħ tal-loi n°2010-1488 du 7 décembre 2010 portant nouvelle organisation du marché de l'électricité (il-Liġi Nru 2010-1488 tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-Organizzazzjoni mill-Ġdid tas-Suq tal-Elettriku) (JORF tat-8 ta' Diċembru 2010, p. 21467) li ġiet introdotta taxxa interna fuq il-konsum finali tal-elettriku.

21 Għaldaqstant, ir-Repubblika Franċiża ma pprevedietx tassazzjoni nazzjonali tal-elettriku matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006, inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali. Kienu biss il-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku kif ukoll taxxi lokali, ibbażati f'dak iż-żmien fuq l-ammont mingħajr it-taxxa tal-fattura tal-elettriku, li ġew imposti fuq il-konsum tal-elettriku. Madankollu, l-entitajiet li jipproduċu l-elettriku għall-użu proprju tagħhom kienu eżentati mit-tassazzjoni lokali tal-elettriku.

22 Għaldaqstant, skont il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi ddeterminat jekk l-eżenzjoni li l-Istati Membri huma jawtorizzaw li jagħtu lill-produtturi ż-żgħar tal-elettriku, bis-saħħa tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2003/96, tistax tirriżulta, kif jallega l-ministre de l'Action et des Comptes publics (il-Ministru għall-Azzjoni u l-Kontijiet Pubbliċi), f'sitwazzjoni, bħal dik eżistenti

għall-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 2011, li matulu r-Repubblika Franċiża kienet għadha ma introdućietx it-tassazzjoni interna fuq il-konsum finali tal-elettriku u lanqas, konsegwentement, eżenzjoni minn din it-taxxa favur il-produttur ż-żgħar. Jekk ikun il-każ, għandu, ukoll, jiġi ddeterminat kif għandhom jiġu kkombinati bejniethom id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96 u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) ta' din, b'mod partikolari sabiex jiġi stabbilit jekk huma jimplikawx tassazzjoni minima li tirriżulta mit-tassazzjoni tal-elettriku prodott b'eżenzjoni tal-gass naturali użat, jew minn eżenzjoni mit-taxxa fuq il-produzzjoni tal-elettriku, f'liema każ l-Istat Membru jkun għalhekk obbligat li jintaxxa l-gass naturali użat.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet [tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2003/96] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-eżenzjoni li huma jippermettu li tiġi applikata mill-Istati Membri għall-benefiċċju tal-produttur żgħar tal-elettriku, sa fejn huma jintaxxaw il-prodotti tal-enerġija użati għall-produzzjoni ta' dan l-elettriku, tkun tista' tapplika f'sitwazzjoni bħal dik [inkwistjoni fil-kawża prinċipali] għall-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 2011, li matulu [r-Repubblika Franċiża], kif awtorizzata [minn din id-direttiva], ma kienet għadha stabbilixxiet la t-taxxa interna fuq il-konsum finali ta' elettriku u lanqas, bħala konsegwenza, l-eżenzjoni ta' din it-taxxa favur produtturi żgħar?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, kif għandhom jinqraw flimkien id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(1)(a) [tal-imsemmija direttiva] u dawk tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) [ta' din] fir-rigward tal-produtturi żgħar li jikkonsmaw l-elettriku li huma jipproduċu għall-bżonnijiet tal-attività tagħhom? B'mod partikolari, dawn jimplikaw tassazzjoni minima li tirriżulta mit-tassazzjoni fuq l-elettriku prodott b'eżenzjoni tal-gass naturali użat, jew inkella minn eżenzjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni tal-elettriku, f'liema każ l-Istat huwa għalhekk obbligat jintaxxa l-gass naturali użat?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

24 Il-Gvern Franċiż jikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, peress li r-risposta għad-domandi magħmula ma hijiex meħtieġa għas-soluzzjoni effettiva tal-kawża prinċipali.

25 Skont dan il-gvern, matul il-perijodu tranżitorju li r-Repubblika Franċiża kellha sabiex tadatta s-sistema tagħha ta' tassazzjoni tal-elettriku taħt l-Artikolu 18(10) tad-Direttiva 2003/96, dan l-Istat Membru seta' jżomm is-sistema tiegħu ta' tassazzjoni nazzjonali tal-elettriku, peress li hija kienet tosserva r-rati minimi ta' tassazzjoni stabbiliti minn din id-direttiva.

26 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha tkun tressqet it-tilwima, u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, marbuta li tiddeċiedi (sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et*, C-621/18, EU:C:2018:999, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 Minn dan isegwi li d-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba ta' regola tal-Unjoni

ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex disponibbli l-informazzjoni fattwali u legali neċessarja sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et*, C-621/18, EU:C:2018:999, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li l-qorti tar-rinviju ġiet adita b'appell minn deċiżjoni li ċaħdet it-talba ta' UPM intiża għall-ksib tal-ħlas lura tat-TICGN prevista fl-Artikolu 266 *quinquies* tal-Kodiċi Doganali, peress li din il-kumpannija qieset li l-parti tal-gass naturali kkonsmata sabiex jiġi prodott elettriku kellha tiġi eżentata minn din it-taxxa skont l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx li d-domandi preliminari, sa fejn huma jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest ta' tilwima pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, huma manifestament irrilevanti.

30 Huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li r-Repubblika Franċiża kellha, skont l-Artikolu 18(10) tad-Direttiva 2003/96, perijodu tranżitorju sabiex tadatta s-sistema tagħha ta' tassazzjoni tal-elettriku għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, peress li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma relatati mal-mertu tar-risposti li għandhom jingħataw għad-domandi preliminari u mhux mal-ammissibbiltà tagħhom.

31 Konsegwentement, għandu jitqies li dawn id-domandi huma ammissibbli.

Fuq l-ewwel domanda

32 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2003/96 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni għall-produtturi ż-żgħar tal-elettriku, sakemm, b'deroga mill-Artikolu 14(1)(a) ta' din id-direttiva, il-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott dan l-elettriku jiġu ntaxxati, setgħetx tiġi applikata mir-Repubblika Franċiża matul il-perijodu tranżitorju mogħti lilha, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tal-imsemmija direttiva, sal-1 ta' Jannar 2009 u li matulu dan l-Istat Membru ma introduċiex is-sistema ta' tassazzjoni tal-elettriku prevista mill-istess direttiva.

33 Mill-fajl sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, bejn l-1 ta' Jannar 2004 u l-1 ta' April 2008, UPM ġiet suġġetta għat-TICGN fir-rigward tal-gass naturali li hija użat sabiex tipproduċi l-elettriku. Huwa stabbilit, barra minn hekk, li peress li l-elettriku prodott b'dan il-mod intuża għall-użu proprju tagħha, dan ma kienx suġġett għat-taxxi lokali fuq l-elettriku.

34 Il-Gvern Franċiż jallega li meta l-elettriku prodott, fil-fatt, ikun ġie eżentat, il-prodotti ta' enerġija intiżi għall-produzzjoni ta' dan l-elettriku għandhom jiġu ntaxxati. Fil-fatt, id-Direttiva 2003/96 timplika, minnha nnifisha, tassazzjoni minima li tirriżulta jew mit-tassazzjoni tal-elettriku prodott b'eżenzjoni tal-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott dan l-elettriku, jew inkella mit-tassazzjoni minima tal-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott l-elettriku meta dan tal-aħħar ikun eżentat.

35 Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-tassazzjoni tal-gass naturali użat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sabiex tipproduċi l-elettriku, meta r-Repubblika Franċiża ma kienet introduċiet la t-taxxa interna fuq il-konsum finali tal-elettriku, imsemmija fil-punt 20 ta' din is-sentenza, u lanqas, konsegwentement, eżenzjoni minn din it-taxxa favur il-produtturi ż-żgħar, hijiex konformi mat-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2003/96.

36 Għandu jitfakkar li d-Direttiva 2003/96 tipprevedi l-istabbiliment ta' tassazzjoni armonizzata fuq il-prodotti ta' enerġija u fuq l-elettriku.

37 F'dan ir-rigward, mill-għanijiet segwiti minn din id-direttiva jirriżulta li din tipprevedi sistema armonizzata ta' tassazzjoni tal-prodotti ta' enerġija u tal-elettriku intiża, b'mod partikolari, kif jirriżulta mill-premessi 2 sa 5 u 24 tagħha, sabiex jiġi promoss il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fis-suq tal-enerġija billi jiġu evitati, b'mod partikolari, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2018, Cristal Union, C-31/17, EU:C:2018:168, punt 29, u tas-27 ta' Ġunju 2018, Turbogás, C-90/17, EU:C:2018:498, punt 34).

38 Għal dan il-għan, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-elettriku, il-leġiżlatur tal-Unjoni għamel l-għażla, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-paġna 5 tal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU 1997, C 139, p. 14), li jimponi fuq l-Istati Membri, b'mod konformi mal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/96, it-tassazzjoni tal-elettriku mqassam, u l-prodotti ta' enerġija użati għall-produzzjoni ta' dan għandhom, konsegwentement, jiġu eżentati mit-tassazzjoni u dan bl-għan li tiġi evitata tassazzjoni doppja tal-elettriku (is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2018, Cristal Union, C-31/17, EU:C:2018:168, punt 30, kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2018, Turbogás, C-90/17, EU:C:2018:498, punt 35).

39 B'dan il-mod, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96 tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-prodotti ta' enerġija u l-elettriku użati, b'mod partikolari, sabiex jiġi prodott l-elettriku. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(5) ta' din id-direttiva, l-elettriku u l-gass naturali użati sabiex jiġi prodott l-elettriku huma mbagħad suġġetti għat-tassazzjoni fil-mument tal-kunsinna tagħhom mid-distributur jew mir-ridistributur.

40 It-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tal-imsemmija direttiva, jipprevedi madankollu eċċezzjoni minn dawn id-dispożizzjonijiet favur il-produtturi ż-żgħar, peress li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-elettriku prodott minn dawn, bil-kundizzjoni li huma jintaxxaw il-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott dan l-elettriku.

41 Għalhekk, huwa b'eċċezzjoni minn dan il-prinċipju ta' tassazzjoni downstream tal-elettriku li din it-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tagħti lill-Istati Membri l-fakultà li jeżentaw l-elettriku prodott mill-produtturi ż-żgħar u kkonsmat għall-użu proprju tagħhom, bil-kundizzjoni li huma jintaxxaw il-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott dan l-elettriku (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018, Turbogás, C-90/17, EU:C:2018:498, punt 36).

42 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-punt 37 tas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018, Turbogás (C-90/17, EU:C:2018:498), li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5), dwar il-produtturi ż-żgħar, jirrigwardaw biss il-modalitajiet skont liema l-elettriku huwa suġġett għas-sistema ta' tassazzjoni armonizzata stabbilita mid-Direttiva 2003/96 sabiex jiġu evitati, b'mod partikolari, l-ispejjeż amministrattivi relatati mat-tassazzjoni f'din iċ-ċirkustanza partikolari.

43 Issa, it-tassazzjoni tal-gass naturali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax titqies li tirriżulta mis-sistema ta' tassazzjoni derogatorja prevista fit-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) ta' din id-direttiva għall-prodotturi ż-żgħar. Fil-fatt, ir-Repubblika Franċiża ma kinitx stabbilixxiet is-sistema ta' tassazzjoni tal-elettriku li minnha din id-dispożizzjoni tippermetti li ssir deroga.

44 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tad-Direttiva 2003/96, ir-Repubblika Franċiża kienet tibbenefika, fil-fatt, minn perijodu tranżitorju sal-1 ta' Jannar 2009 sabiex tadatta s-sistema tagħha ta' tassazzjoni tal-elettriku għad-dispożizzjonijiet ta' din l-istess direttiva.

45 B'dan il-mod, sa din id-data, l-osservanza tal-livelli minimi ta' tassazzjoni previsti mid-Direttiva 2003/96 kienet tikkostitwixxi, fost ir-regoli ta' tassazzjoni tal-elettriku previsti mid-dritt tal-Unjoni, l-uniku obbligu impost fuq ir-Repubblika Franċiża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Messer France, C-103/17, EU:C:2018:587, punt 23).

46 Ir-Repubblika Franċiża kienet, għaldaqstant, libera li żżomm is-sistema tagħha ta' tassazzjoni tal-elettriku li kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/96.

47 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat, fil-punt 31 tas-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Messer France (C-103/17, EU:C:2018:587), li għall-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-Repubblika Franċiża ma kinitx immodifikat is-sistema tagħha ta' tassazzjoni tal-elettriku sabiex toħloq tali dazju tas-sisa. Mill-fajl sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan ġie introdott permezz tal-Liġi Nru 2010-1488 tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-suq tal-elettriku, imsemmija fil-punt 20 ta' din is-sentenza, li ħolqot it-taxxa interna fuq il-konsum finali tal-elettriku.

48 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret fil-punt 42 ta' din is-sentenza, it-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2003/96, kienet tikkostitwixxi biss modalità ta' applikazzjoni tas-sistema ta' tassazzjoni armonizzata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018, Turbogás, C-90/17, EU:C:2018:498, punt 37). Għaldaqstant, f'dak li jirrigwarda l-kawża prinċipali, ir-Repubblika Franċiża ma tistax tinvoka modalità ta' applikazzjoni ta' sistema li ma kinitx stabbilita fil-mument tal-fatti relatati ma' din il-kawża.

49 Fir-rigward tal-argument tal-Gvern Franċiż rigward is-sistema għal tranżizzjoni prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tad-Direttiva 2003/96, għandu jitfakkar li din is-sistema għal tranżizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett (ara, b'mod analogu, is-sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2006, Eurodental, C-240/05, EU:C:2006:763, punt 54, u tas-27 ta' Frar 2019, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-670/17 P, EU:C:2019:145, punt 52). Issa, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-perijodu tranżitorju previst fiha jirreferi biss għall-possibbiltà, għar-Repubblika Franċiża li tadatta s-sistema tagħha ta' tassazzjoni tal-elettriku u mhux dik ta' tassazzjoni tal-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott l-elettriku.

50 Tali qari tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tad-Direttiva 2003/96 huwa kkonfermat mill-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni rrefera b'mod espliċitu għal tali prodotti fil-kuntest tas-sistema għal tranżizzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu 18(10), li jispeċifika li r-Repubblika Franċiża tista' tapplika eżenzjonijiet totali jew parzjali jew tnaqqis għall-imsemmija prodotti ta' enerġija u għall-elettriku użati mill-Istat, l-awtoritajiet reġjonali u lokali jew l-organi l-oħra rregolati mid-dritt pubbliku.

51 Għaldaqstant, matul il-perijodu tranżitorju previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tad-Direttiva 2003/96, id-dispożizzjonijiet rigward l-eżenzjoni tal-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott elettriku previsti minn din id-direttiva kienu applikabbli b'mod sħiħ għar-Repubblika Franċiża.

52 Issa, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mis-sistema ta' eżenzjoni obbligatorja stabbilita permezz tad-Direttiva 2003/96, huwa għamel dan b'mod espliċitu, rispettivament fit-tieni sentenza tal-Artikolu 14(1)(a) ta' din id-direttiva, skont liema dawn jistgħu jintaxxaw il-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott elettriku għal raġunijiet marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent, u fit-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tal-imsemmija direttiva, skont liema l-Istati Membri li jeżentaw l-elettriku prodott mill-produtturi ż-żgħar tal-elettriku għandhom jintaxxaw il-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott dan l-elettriku (sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, Cristal Union, C-31/17, EU:C:2018:168, punt 27).

53 B'dan il-mod, mid-Direttiva 2003/96 jirriżulta li, minbarra dawn iż-żewġ każijiet speċifiċi, l-eżenzjoni mandatorja tal-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott l-elettriku prevista fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1)(a) ta' din id-direttiva hija vinkolanti b'mod inkundizzjonat fuq l-Istati Membri (sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, Cristal Union, C-31/17, EU:C:2018:168, punt 28).

54 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li t-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2003/96 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni għall-prodotturi ż-żgħar tal-elettriku, bil-kundizzjoni li, b'deroga mill-Artikolu 14(1)(a) ta' din id-direttiva, il-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott dan l-elettriku jiġu ntaxxati, ma setgħetx tiġi applikata mir-Repubblika Franċiża matul il-perijodu tranżitorju li kien ingħata lilha, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tal-imsemmija direttiva, sal-1 ta' Jannar 2009 u li matulu dan l-Istat Membru ma stabbilixxiex is-sistema ta' tassazzjoni tal-elettriku prevista mill-istess direttiva.

Fuq it-tieni domanda

55 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

56 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

It-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni għall-prodotturi ż-żgħar tal-elettriku, bil-kundizzjoni li, b'deroga mill-Artikolu 14(1)(a) ta' din id-direttiva, il-prodotti ta' enerġija użati sabiex jiġi prodott dan l-elettriku jiġu ntaxxati, ma setgħetx tiġi applikata mir-Repubblika Franċiża matul il-perijodu tranżitorju li kien ingħata lilha, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(10) tal-imsemmija direttiva, sal-1 ta' Jannar 2009 u li matulu dan l-Istat Membru ma stabbilixxiex is-sistema ta' tassazzjoni tal-elettriku prevista mill-istess direttiva.

Firem